MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 391/2004

Citazzjoni Nru.  391 / 04NC

Kawza fil-lista:  27

**Joseph Gaffarena u Carmen Gaffarena**
**Vs**
**Mixer Concrete Works Limited [C 17858] u Mixer Limited [C 9942]**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi l-attur huwa kreditur tas-socjeta' Mixer Limited fis-somma ta' mitejn u hamsin elf lira (LM250,000) oltre l-imghaxijiet liema somma hija kanonizzata permezz ta'

sentenza moghtija minn l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta’ April 2004.

Peress illi l-istess socjeta’ Mixer Limited hija kreditur tas-socjeta’ Mixer Concrete Works Limited fis-somma ta’ seba’ mitt elf lira (Lm700,000) u dana kif ammess minn l-istess socjeta’ f’xhieda minnha moghtija minn Mixer Concrete Works Limited f’kawza fl-ismijiet “Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited u Mixer Concrete Works Limited” Citaz. Nru.: 1201/99JRM.

Peress illi l-esponenti jridu jipprevalixxu ruhhom mil-fakulta prevista mill-artikolu 1143 tal-Kodici Civili u jesegwixxi l-azzjoni li huwa ntitolat ghaliha d-debitur tieghu, Mixer Limited, biex jithallas il-kreditu taghhom kontriha, mill-kreditu li din ghandha kontra s-socjeta’ konvenuta Mixer Concrete Works Limited.

Peress illi b’ammissjoni stess da parti tas-socjeta’ Mixer Concrete Works Limited, dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-attur, il-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba attrici ghall-hlas ta’ dan id-debitu.

Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispenza mis-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12;

2. Tikkundanna lil Mixer Concrete Works Limited thallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u hamsin elf lira oltre l-imghax relattiv mid-data ta’ l-4 ta’ Gunju 1991.

3. Tikkundanna lil Mixer Concrete Works Limited thallas lis-socjeta’ Mixer Limited, il-bilanc li jkun ghad fadal sas-somma ta’ seba’ mitt elf lira, wara li tithallas s-somma dovuta lil atturi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li permezz taghha eccepew hekk:

1. Illi preliminarjament, is-sentenza moghtija msemmija (*Gaffarena Joseph et vs Mixer Ltd,* 1199/99 GV, diff. 08.10.2004) li kkanonizzat il-kreditu avvanzat mill-atturi fil-konfront ta' Mixer Limited laqghet l-appell ta' Mixer Limited in kwantu kien jikkoncerna l-kontrotalba ta' l-istess Mixer Limited u rrinvjat il-process lura lill-Prim Awla tal-Qorti Civili diversament presjeduta sabiex tkompli tinstema' tali kontrotalba; tali kontrotalba tista' ghaldaqstant taghti lok ghal tpacija, apparti li hija bbazata wkoll fuq l-istess kont korrenti ezistenti bejn l-atturi u s-socjeta' Mixer Ltd, b'mod illi hemm lok ghall-konnessjoni tal-kawza jew ghas-sospensjoni tal-kawza prezenti sakemm tigi deciza finalment il-kawza l-ohra msemmija; u dan billi jekk issehh tpacija jigi nieqes il-kreditu principali li fuqu hija bbazata l-*actio debitor debitoris mei* odjerna.

2. Illi fit-tieni lok, hemm ukoll kawza ohra pendenti bejn Mixer Limited u l-konjugi Gaffarena (*Mixer Ltd et vs Gaffarena Joseph et,* Cit Nru 1256/02 JA, diff. 08.11.2004) ghal dikjarazzjoni ta' frodi u falsifikazzjoni, li tista' twassal anke ghar-ritrattazzjoni tal-kawza *Gaffarena Joseph et vs Mixer Ltd,* 1199/99GV, diff. 08.10.2004 ghar-rigward tat-talba principali; din il-kawza wkoll taffettwa necessarjament l-ezitu ta' din u taghti lok ghall-konnessjoni tal-kawzi jew ghas-sospensjoni tal-kawza prezenti sakemm tigi deciza finalment il-kawza l-ohra msemmija – u dan billi jekk tigi ddikjarata frawdolenti l-iskrittura li fuqha kienet imsejjsa s-sentenza ottenuta mill-atturi fil-konfront tas-socjeta' Mixer Ltd ukoll jigi nieqes il-kreditu principali li fuqu hija bbazata l-*actio debitor debitoris mei* odjerna;

3. Illi fit-tielet lok, hemm ukoll kawza ohra istitwita mill-atturi stess (*Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited u Dalli Sebastian et noe*, Cit Nru 1201.99 JRM, diff. 08.07.2004), imsemmija fil-premessi attrici, fejn l-atturi qeghdin jitolbu r-rexxissjoni ta' kuntratt ta' trasferiment effettwat minn Mixer Limited favur Mixer Concrete Works Limited permezz ta' *actio pauliana*; tali talba, kieku tigi milqugha, timporta l-

annullament tal-kuntratt li minnu jidderiva l-allegat kreditu ta’ Mixer Ltd fil-konfront ta’ Mixer Concrete Works Ltd, b’mod li hemm inconciljabilita’ totali bejn iz-zewg kawzi u bejn il-pretizi ta’ l-atturi fiz-zewg kawzi;

4. Illi preliminarjament ukoll, ic-citazzjoni attrici hija nulla billi ma giet ipprezentata l-ebda kopja tad-dokumenti u ta’ l-atti u x-xhieda msemmija fic-citazzjoni attrici, b’mod illi l-esponenti ma ghandhom l-ebda mod kif ikunu jafu ghal liema xhieda qed issir riferenza u li suppost tistabbilixxi l-esistenza ta’ kreditu bejn Mixer Ltd u Mixer Concrete Works Ltd;

5. Illi preliminarjament ukoll, l-atturi mghandhomx l-interess guridiku mehtieg sabiex jipproponu t-tielet talba attrici taghhom – il-gudisprudenza tindika li hija necessarja ghall-*actio debitor debitoris mei* dikjarazzjoni ta’ kreditu bejn id-debitur principali u d-debitur tad-debitur, imma dikjarazzjoni biss, billi ma hemm l-ebda interess guridiku f’kundanna ghall-hlas;

6. Illi fil-mertu u anke ghar-ragunijiet premessi, huma kkontestati u jridu jigu ppruvati sija l-kreditu vantat mill-atturi fil-konfront ta’ Mixer Ltd, u sija l-kreditu allegat mill-atturi bejn Mixer Ltd u Mixer Concrete Works Ltd.

Rat li l-kawza giet differeti ghas-sentenza fuq it-tieni u fuq it-tielet eccezzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza odjerna;

Rat l-atti tal-kawzi ndikati f’ dawn in-noti tal-eccezzjonijiet u senjatament l-atti tal-kawza Mixer Ltd. et vs Joseph Gaffarena et [1256/02] u tal-kawza “Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited et [1199/99GV];

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni eccezzjoni hija fis-sens li din il-kawza ghandha tinstema’ kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet “Mixer Ltd. et vs Joseph Gaffarena et [Cit.1256/02JA] peress li hija konnessa ma’ din il-kawza, u wkoll tista’ twassal ghar-

ritrattazzjoni tal-kawza Joseph Gaffarena et vs Mixer Ltd. [Cit.1199/99GV].

Illi riferibbilment ghal din l-eccezzjoni jirrizulta li in segwitu ghall-prezentata tal-kawza numru 1199/99GV, is-socjeta' Mixer Limited et prezentat citazzjoni kontra Joseph Gaffarena et [1256/02] fejn l-imsemmija socjeta' fuq il-premessa li l-iskrittura tal-4 ta' Gunju 1991 hija vizjata bi frodi stante l-allegazzjoni taghha li gie indikat kreditu fittizju, talbet dikjarazzjoni gudizzjarja li l-konvenuti f'dik il-kawza kkommettew frodi kontra l-istess socjeta', kif ukoll talba ghal kundanna ghad-danni.

Fit-tieni paragrafu ta' l-att tac-citazzjoni hemm premess, inter alia, "li ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta' attrici qieghda tikkontesta l-legalita', il-veracita' u l-validita' ta' tali skrittura per via eccezzjone fil-kawza fl-ismijiet inversi."

Illi fil-kawza li ghaliha tirriferi din il-premessa hija l-kawza precitata fl-ismijiet Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited [1199/99] li tikkoncerna pretensjoni tal-konjugi Gaffarena kontra Mixer Limited ghas-somma bilancjali ta' Lm250,000 bazata fuq l-skrittura privata fuq indikata datata 4 ta' Gunju 1991.

Illi in respons ghal din il-pretensjoni, is-socjeta' Mixer Limited eccepiet, inter alia, li "[c] fil-meritu l-pretensjonijiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mill-kotba tal-kumpanija ma jirrizulta bl-ebda mod illi hija debitrici tal-atturi fl-ebda ammont…" u fil-para [f] eccepiet "Illi di piu' tigi eccepita [kontestata] il-legalita', veracita' u validita' tal-iskrittura …. u dan stante illi kemm ai termini tas-suespost u kif jista' jigi aktar ippruvat ma tirrizultax ibbazata fuq fatti u okkorrenzi veri u reali."

Illi b' sentenza moghtija fis-16 ta' April 2004 giet konfermata fl-appell is-sentenza tal-Prim Awla tas-26 ta' April 2000 fejn din il-Qorti laqghet it-talba tal-konjugi Gaffarena fil-konfront ta' Mixer Limited ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu ta' Lm250,000, liema kreditu jifforma l-bazi ta' l-azzjoni odjerna.

Minn dan jirrizulta li l-kreditu ta’ Lm250,000 naxxenti mill-iskrittura fuq indikata gie konfermat mill-Qorti wara li kienet ezaminat, il-pretensjoni attrici fid-dawl ta’ l-eccezzjonijiet maghmula. Di piu’ hija opportuna l-osservazzjoni maghmula mill-imsemmija Onorabbli Qorti, b’ referenza ghall-procedura tas-subizzjoni applikata f’ dak il-kaz, li: “.. il-mostoqsijiet maghmula mill-atturi ghas-subizzjoni tal-konvenut, huma proprju indirizzati lejn il-qalba tal-kwistjoni billi bihom l-atturi ma riedux biss li jigi konfermat il-kreditu taghhom imsemmi fic-citazzjoni, izda huma wkoll indirizzati lejn kwistjonijiet ohra imsemmija fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li jolqtu l-validita’ ta’ l-iskrittura li minnha jirrizulta l-kreditu tal-atturi.”[1]

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti, f’ dan l-istadju, tenut kont tad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, tikkonsidera inopportun li dawn iz-zewg kawzi jitkomplew jinstemghu flimkien. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qeda tigi respinta, bl-ispejjez.

Illi in propositu ghat-tielet eccezzjoni, il-Qorti tosserva li din hija bazata fuq l-allegazzjoni tal-konvenuti li l-kuntratt meritu ta’ l-kawza Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited et [Citazz. 1201/99JRM] huwa dak “li minnu jidderiva l-allegat kreditu ta’ Mixer Ltd. fil-konfront ta’ Mixer Concrete Works Ltd. b’ mod li hemm inkonciljabilita’ totali bejn iz-zewg kawzi u bejt il-pretizi ta’ l-atturi fiz-zewg kawzi.” Billi l-konvenut naqas li jressaq provi in sostenn ta’ dan l-allegat fatt, din l-eccezzjoni qed tigi konsiderata bhala nfondata fil-fatt, u ghalhekk qed tigi respinta; bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1]Pg.11 – sottolinear ta’ din il-Qorti.